# Armi Taljani għad-Difiża tal-Mellieħa fit-Tieni Gwerra Dinjija



Kitba ta' Charles Debono

Matul l-aħħar gwerra fil-Mellieħa kien hawn diversi tipi ta' armi biex jiddefendu lil dan ir-raħal kontra xi invażjoni mill-għadu. Mhux kollha kienu ta' manifattura Ingliża, u kif se naraw f'dan l-artiklu, nġabu xi armi Taljani maqbudin mill-Ingliżi bejn l-1940 – 41, biex isaħħu d-difiża tal-Mellieħa.

Wara l-avvanzi li bdew jagħmlu l-Ġermaniżi waqt l-invażjoni ta' Franza, Mussolini (*Il Duce*) ra opportunita' tad-deheb biex jieħu sehem f'dawn il-konkwisti mingħajr wisq tbatija, peress li Franza kienet fl-agunija. Għalhekk fl-10 ta' Ġunju 1040 Mussolini iddikjara gwerra kontra l-Alleati, Ingilterra u Franza. L-għada bdew l-ewwel attakki fuq Malta. L-Italja kellha xi kolonji fl-Afrika u waħda minnhom kienet il-Libja. L-Ingliżi dak iż-żmien kellhom f'idejhom il-ħarsien ta' l-Eġittu, u mill-ewwel elementi ta' l-*11th Hussars* qasmu l-fruntiera mal-Libja, u attakkaw postazzjonijiet Taljani u reġgħu irtiraw.

Mussolini beda jinsisti biex il-Ġeneral Graziani li kellu f'idejh il-Ħamest u l-Għaxar Armati Taljani li bbażati fil-Libja, biex jinvadu l-Eġittu, sakemm *il Duce* tilef il-paċenzja u għamillu ultimatum: jew tinvadi jew titneħħa minn postok. Għalhekk fit-13 ta' Settembru l-ħames diviżjonijiet li kienu jiffurmaw l-Għaxar Armata Taljana, qasmu l-fruntiera Eġizzjana u baqgħu javvanzaw sa Sidi Barrani. Hemmhekk waqqfu l-avvanzata tagħhom u bdew jiffortifikaw il-poġizzjoni tagħhom.[1]

Fid-9 ta' Diċembru 1940 il-General O'Connor nieda *Operation Compass*, li kienet tikkonsisti f'attakk ta' ħamest ijiem fuq it-Taljani li kienu trinċeraw ruħhom f'Sidi Barrani u Maktila. L-attakk beda fis-sebgħa u nofs ta' fil-għodu u sab lit-Taljani aljenati, bil-maġġor parti tas-suldati Taljani kienu qed jippreparaw il-kollezzjon tagħhom. Tankijiet Ingliżi tat-tip Matilda Mk II tas-*7th Armoured Division* ippenetraw id-difiża tal-kampijiet Taljani, dawn ta' l-aħħar ma setgħu jagħmlu xejn sabiex iwaqqfu l-avvanzata Brittanika.

Sadanittant l-Ingliżi qabdu Sidi Barrani pero' sabu problema quddiemhom, fejn se jżommu l-20,000 priġunier Taljan li kienu qabdu. Sat-13 ta' Diċembru, l-Ingliżi kienu keċċew jew qabdu priġunieri lis-suldati Taljani, mill-Eġittu.[2]

Fl-4 ta' Jannar 1941 beda l-assedju tal-belt ta' Bardia (din tinsab fil-Libja). Sadanittant waslu s-suldati Awstraljani mill-Palestina, wara li tlesta t-taħriġ tagħhom, u issieħbu ma' dawk Ingliżi. Wara bumbardament fuq il-belt mir-*Royal Navy*, l-Awstraljani bdew jattakaw, megħjuna, mit-tankijiet *Matilda*, u ppenetraw d-difiża sakemm l-għada l-gwarniġġjun ta' Bardia, li kien jammonta għal madwar 45,000 suldat, ċeda.

Fil-21 ta' Jannar beda l-assedju tal-belt-port ta' Tobruk b'bumbardament qawwi mill-artillerija Ingiża. X'ħin waqaf l-bumbardament beda l-attakk tat-tankijiet *Matilda* u warajhom il-fanterija Awstraljana. Il-battalja kienet qasira u l-għada 27,000 suldat Taljan ċedew. Sadanittant it-Taljani kienu qegħdin jaħirbu billi jgħaddu mit-triq li kien hemm matul il-kosta, l-unika triq asfaltata li kien hemm fil-kolonja Taljana, u din l-evidenza kienet turi sinjal ċar li t-Taljani kienu qegħdin jabbandunaw iċ-Ċirenajka. Għalhekk O'Connor iddeċieda li jaqbad lit-Taljani f'nasba lil ried iħejjilhom malajr f'Beda Fomm.

Fis-6 ta' Frar, l-Ingliżi waslu qabel



it-Taljani f'Beda Fomm u hemmhekk seħħet waħda mill-iktar battalji strambi ta' l-istorja militari. It-Taljani li kienu jammontaw għal madwar 30,000 suldat ġew mdawwra minn 3,000 suldat Ingliż u tankijiet. Mitt tank Taljan tat-tip *M13/40* ħarġu minn wara l-kju biex jippruvaw jippenetraw ċ-ċirku li dawru madwarhom l-Ingliżi, pero' ma setgħu jagħmlu xejn, u sakemm dalam sittin tank Taljan spiċċaw meqruda u l-kumplament abbandunati. Sadanittant l-Awstraljani qabdu Bengażi u ġew milqugħa mill-popolazzjoni ċivili b'ċapċip kbir. L-għada t-Taljani ppruvaw jagħmlu l-aħħar attentat biex joħorġu mill-morsa, u b'forza ta' sittax-il tank tat-tip *M13/40* immexijha mill-Ġeneral Tellera ppruvaw jippenetraw iċ-ċirku li dawru l-Ingliżi, imma kien kollu għalxejn. It-tankijiet spiċċaw kollha meqruda bil-Ġeneral Tellera ferut gravament. Min-naħa l-oħra l-Awstraljani waslu f'Gemines u hemmhekk għalqu n-nasba, li t-Taljani ma setgħux joħorġu minnha. B'kollox ċedew 20,000 suldat ieħor Taljan u 216-il kanun u 120 tank. O'Connor ried ikompli l-avvanzata tiegħu sa Tripli u jqaċċat lit-Taljani mill-Afrika ta' Fuq, pero' hu rċieva ordni biex issa jiddefendi dak li nkiseb.[3] Sa nofs Frar l-Ingliżi kienu qabdu 113,000 priġunier Taljan, li kienu jinkludu tnejn u għoxrin ġeneral u ammiral, flimkien ma' 850 kanun u 380 tank ta' daqsijiet varji.[4]

Wara dan kollu, tgħiduli intom x'għandu x'jaqsam mat-titlu ta' dan l-aritklu! Mela, wara li l-Ingliżi qabdu dik il-kwantita' kbira ta' armi, ma ħallewhomx mitluqin. Dawk li kienu għadhom jaħdmu ħaduhom lura Alexandria, mentri l-armamenti l-oħra li ma kinux tajbin ħadu dak li setgħu minnhom. Ħafna minnhom użawhom fl-Eġittu u fil-Libja u anki fil-Greċja kontra l-ex sidien tagħhom. Armi Taljani maqbudin u użati mill-Ingliżi kont issibhom f'diversi partijiet tal-Mediterran waqt il-gwerra: fid-difiża ta' bliet fiċ-Ċirenajka, speċjalment dik ta' Tobruk li damet tirreżisti sa Ġunju



1942. Dawn kienu jinkludu fost l-oħrajn kanun tat-tip *Modello 100/17* jifforma parti mid-difiża.[5] Waqt l-offensiva nnifisha stess, (*Operation Compass*), wara l-waqa' ta' Bardia, l-Awstraljani rnexxielhom jaqbdu numru ta' tankijiet tal-gwerra Taljani u uħud minnhom daħħluhom fis-servizz tagħhom. Jeżistu xi ritratti ta' żewġ tankijiet minn dawn, tat-tip *M13/40* u *M11/39*, b'erba' kangaru mpinġijin fuqhom biex juru li huma tagħhom (ta' l-Awstraljani).[6] Waqt il-gwerra bejn l-Italja u l-Greċja 1940/41 l-Ingliżi apparti li bagħtu suldati u armamenti tagħhom, bagħtu wkoll xi tankijiet Taljani maqbudin minnhom, biex jinfurzaw il-battaljuni Griegi.

F'Malta wkoll kienu inġabu minn dawn l-armamenti Taljani maqbudin mill-Ingliżi. Dawn l-armamenti Taljani kienu reġgħu ġew użati biex isaħħu l-abbilta' offensiva/difensiva ta' min ikun qabadhom, u hekk għamlu l-Ingliżi meta użawhom fil-Libja u dawk li ġabu f'Malta. Anki fil-Mellieħa kien hawn xi wħud minn dawn l-armi. Il-maġġor parti ta' l-armi Taljani li nġabu f'Malta kienu jikkonsistu minn *Cannone-Mitragliera Da 20/65 Modello 35 Breda.*[7] Dawn il-Breda kienu nqabdu fi kwantita' kbira fiċ-Ċirenajka, u ħafna minnhom intużaw mill-*106 RHA (Lancashire Hussars Yeomanry).*[8]

L-*20 mm Breda* bdew jiġu manifatturati fl-1934 u dan il-kanun kellu żewġ għanjiet: kontra targets kemm fuq l-art u kemm fl-ajru. Il-*Breda* daħal fis-servizz fl-armata Taljana fl-1935. Il-kanun setgħu jitneħħewlu r-roti meta jkun ħa jintuża. Dan il-kanun kellhom joperawh tliet suldati. L-*20 mm Breda* kellu iktar suċċess kontra ajruplani milli kontra t-tankijiet. Uħud milli qabdu l-Ingliżi kienu armawhom fuq vetturi minflok machine-guns. Il-Ġermaniżi għamlu użu wkoll minn dan il-kanun fl-Afrika ta' Fuq taħt l-isem ta' *2-cm Breda.*[9]

B'informazzjoni li sibt dan l-aħħar fl-Arkivji tar-Rabat, jidher li l-Brigada tal-Fanterija tat-Tramuntana, li l-Mellieħa kienet tifforma parti minnha, kellha f'idejha tlieta minn dawn il-*Breda,* li tnejn minnhom kienu jintużaw għad-difiża tal-bajjiet. F'mappa li turi d-difiża ta' kontra t-tankijiet f'każ ta' invażjoni mill-għadu, tindika li kien hemm wieħed minn dawn l-20 cm Breda l-Bajja ta' l-Għadira, probabbilment viċin it-Tunnara. Il-*Breda* li kien hemm l-Għadira kien statiku.[10] Wiġi Grima jiftakar li darba minnhom l-Ingliżi kienu għamlu taħriġ b'uħud minn dawn il-*Breda* fil-Bajjiet ta' l-Għadira u ta' l-Armier u għamlu daħna kbira. Hu jkompli jgħid li dawn il-kanuni kienu rtirawhom għal xi żmien. Meta bdiet

tbatti l-gwerra l-Ingliżi qabdu dawn il-kanuni, ħarġuhom xi tliet mili 'l barra minn Malta u għarrquhom.[11]

Apparti l-*Breda* f'Malta kienu nġabu wkoll xkubetti Taljani li kienu ngħataw lil Forza Voluntiera Għad-Difiża ta' Malta. Din il-forza kienet tgħodd madwar 3,000 volutniet.[12] L-ixkubetti Taljani li nġabu Malta probabbilment kienu tat-tip *M1938TS Carcano Carbina* jew is-*6.5 mm Carcano M1891,* peress li fl-1940 nqabdu ħafna minnhom. Mhux ċert jekk l-irġiel Melliħin li kienu jiffurmaw parti minn din il-forza kinux armati b'dawn l-ixkubetti Taljani, imma wieħed jassumi li xi wħud minnhom kienu ngħataw dawn l-ixkubetti tat-tip *Carcano.*[13]

B'din l-informazzjoni niġi fi tmiem dan l-artiklu li nittama li sibtuh ta' interess. Dan il-każ probabbilment jafuh xi ftit anzjani li kienu fis-servizz, u kien tajjeb li ġibtu għall-attenzjoni tagħkom, wara li sibt xi materjal relatat ma' dan il-każ xi ftit kurjuż. Hekk fil-bidu ta' dan l-artiklu rajna x'wassal biex inġabu f'Malta dawn l-armi Taljani u għal liema skop (f'dan il-każ fil-Mellieħa) kienu se jintużaw biex isaħħu d-difiża tar-raħal tagħna.

Referenzi u noti:


1 Images of War: The Real Story of World War II- 1939 – 45 Issue 4 Volume 1, Published by The Marshall Cavendish Limited, Great Britain, 1994, pp 86 – 87.
2 Barrie Pitt (Consultant Editor), The Military History of World War II, Published by Chancellor Press, Great Britain, 1994, pp 48.
3 Images of War, Issue 4 Volume 1, pp 89 – 99.
4 Jon Latimer, Operation Compass 1940: Wavell's Whirwind Offensive, Osprey Publishing Limited, Great Britain, 2000, pp 86 – 87.
5 Jon Latimer, Tobruk 1941: Rommel's Opening Move, Osprey Publishing Limited, Great Britain, 2001, pp 49.
6 Latimer, 2000, pp 81.
7 Arkivji ta' Santu Spirtu (Rabat), Air Raid Precautions Documents.
8 Latimer, 2000 pp 81.
9 James Heddlesten (Webmaster). Comando Supremo: Italy at War, Weapons, Cannone – Mitragliera Da 20/65 Modello 35 (Breda), Informazzjoni mill-Internet, 2000 – 2003.
10 Arkivji ta' Santu Spirtu (Rabat), Air Raid Precautions Documents.
11 Intervista ma' Wiġi Grima.
12 Arkivji ta' Santu Spirtu (Rabat), Air Raid Precautions Documents.
13 Philip S. Jowett and Stephen Andrew, The Italian Army 1940 – 45 (2) Africa 1940 – 43, Osprey Publishing Limited, Great Britain, 2001, pp 43 – 44.